MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Numru. 75/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Simon Camilleri ta’ 30 sena mwieled Pieta` nhar il-24 ta’ Settembru 1980 iben Grezzju u Maria nee` Aquilina residenti 10, Triq il-Kuncizzjoni, Marsa, detentur tal-karta ta’ l-identita Nru 432980M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Simon Camilleri li permezz taghha huwa gie:

1. Akkuzat talli fis-07 ta’ Awissu 2010, ghall-habta tal-hdax u kwart ta’ filghaxija minn ‘Villa Mdina’, fi Triq Ghenieq, Naxxar, ikkommetta serq ta’ basktijiet b’diversi oggetti fihom, liema serq ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu

(2,329.37), liema serq huwa aggravat bil-‘valur’, bil-‘hin’, u bil-‘persuna’.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tas-17 ta’ Dicembru, 2010, sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamulha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija mghamulha mill-imputat, il-fedina penali tieghu li mhix xi wahda allarmanti, izda fuq kollox ix-xhieda ta’ Emanuel Said, rapprezentant tal-Caritas, fejn huwa stqarr illi l-imputat bhal issa qieghed isegwi programm residenzjali gewwa San Blas ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 261(c)(f)(d), 267, 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ Probation ghal zmien sentejn mil-lum bil-kundizzjoni li huwa jibqa’ isegwi l-programm ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------